31996D0415

11.7.1996 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 173/1

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-28 ta' Mejju 1996
dwar il-konklużjoni ta' arranġamenti amministrattivi dwar il-kummerċ fi prodotti tat-tessuti bejn il-Komunità Ewropea u ċerti membri ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

(96/415/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l- l-Artikolu 113, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 228(2) tiegħu.

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-Kummissjoni nnegozjat arranġamenti amministrattivi dwar il-kummerċ fi prodotti tat-tessuti fil-forma ta' Minuti Miftiehma jew Tpartit ta' Noti ma' ċerti Membri ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ li, bħala "arranġamenti amministrattivi" fl-iskop tat-tifsira ta' l-Artikolu 2 (17) tal-Ftehim WTO, tirriproduċi d-dispożizzjonijiet rilevanti ta' ftehim bilaterali li kienu saru qabel li jkopru l-kummerċ fi prodotti tat-tessuti taħt l-Arranġament Multifibriku (MFA);

Billi dawn l-arranġamenti amministrattivi dwar il-kummerċ fi prodotti tat-tessuti għandhom jiġu approvati,

IDDEĊIDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-arranġamenti amministrattivi dwar il-kummerċ fi prodotti tat-tessuti bejn il-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi mniżżla fl-Anness għal din id-Deċiżjoni għandhom jiġu approvati għan-nom tal-Komunità.

It-testi ta' l-arranġamenti amministrattivi dwar il-kummerċ u prodotti tat-tessuti huma mehmuża ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuna bil-poter li tiffirma' l-arranġamenti amministrattivi li għalihom hemm referenza fl-Artikolu 1 sabiex jorbot lill-Komunità.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Mejju 1996.

Għall-Kunsill

Il-President

R. SERRI

ANNESS

Lista ta' pajjiżi

L-Argentina	Il-Pakistan
Il-Bangladexx	Il-Peru
Il-Hong Kong	Il-Filippini
L-Indja	Is-Singapor
L-Indonežja	Il-Korea ta' Taħt
Il-Makaw	Is-Sri Lanka
Il-Malażja	It-Tajlandja